**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 27 ta` Novembru, 2018.**

**Talba Nru: 374/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Clayton Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-20 ta` Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` ħames mija u ħamsin Ewro, tnejn u erbgħin ċenteżmu (€550.42ċ) dovuta in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40650046, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 2228/2017 u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlas mitlub fuq il-kont mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta` attriċi (Dok. B1, fol. 3); (iii) ċertifikat ta` amalgamazzjoni tas-soċjeta` Mobisle Communications Limited fis-soċjeta` Go plc (Dok. B2, fol. 4); (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva datata 22 ta` Awissu 2017 (Dok. C, fol. 5); u (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok. D, fol. 6).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ[1].

Ra l-ammissjoni tal-konvenut għat-talba tas-soċjeta` attriċi.

Sema' x-xiehda ta` Paul Gatt għas-soċjeta` attriċi li kkonfermat li l-ammont mitlub għadu dovut, għar-raġunijiet spjegati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` ħames mija u ħamsin Ewro, tnejn u erbgħin ċenteżmu (€550.42ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**

[1] B'Digriet mogħti mit-Tribunal datat 3 ta' Diċembru 2018 qed jitħasru l-kliem *"pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża"* fit-tielet paragrafu tas-Sentenza u issir iż-żieda ta' paragrafu ġdid wara r-raba' paragrafu bil-kelmiet *"Ra l-ammissjoni tal-konvenut għat-talba tas-soċjeta` attriċi."*.